# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 377/2016

**Il-Pulizija**

**(Supt. Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Emmanuel Balzan**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Emmanuel Balzan, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 552877M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fi Frar 2013, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. minghajr awtorizzazzjoni

i. uza *computer* jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* iehor, jew uza, ikkupja jew immodifika kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk; kif ukoll

ii. gharraq it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi data; kif ukoll

iii. installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja, jew zied ma' xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg, meta tali reat jikkonstitwixxi att li b'xi mod kien ta' hsara ghal xi funzjoni jew attività tal-Gvern, jew tellef, gharraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizz jew utilità pubblici, kif wkoll meta tali reat sar f'post minn impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, tal-Water Services Corporation, ta' l-Enemalta Corporation, u ta' l-ARMS Limited, u dan in konnessjoni ma' zewg pagamenti;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u

disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju;

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraq tali flejjes tal-Gvern u oggetti ohra.

U b'hekk sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti kif ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Lulju, 2016 li biha, wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 31, 41(1)(a), 293, 294, 337C(1)(a)(g) u 337F(3)(a) tal-Kap IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-**ewwel** imputazzjoni [fl-artikolu 337C(1)(a) u (g) igifieri [fl-artikolu 337C(1)(a) u (g) igifieri **kif inghad**, kif ukoll tat-**tielet** imputazzjoni

migjuba fil-konfront tieghu, ikkundannatu ghal tmintax –il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghal tlett (3) snin mill-jum tas-sentenza filwaqt li **lliberatu mill-imputazzjonijiet** l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi. Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut u kif ukoll astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-konfiska tal-oggetti esebiti billi ma jirrizultawx li kienu esebiti oggetti konfiskabbli skond il-ligi;

Rat ir-rikors tal-appellant, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Lulju, 2016, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermha** in kwantu dawk l-akkuzi [*recte*: imputazzjonijiet] li minnhom l-appellant kien lliberat u **thassarha** u tirrevokha billi tillibera lill-appellant mill-ewwel u t-tielet akkuza li taghhom nstabet htija mill-Ewwel Qorti sabiex b'hekk l-appellant jkun lliberat minn kull akkuza.;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg aggravji, wiehed dwar is-sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni u iehor kwantu t-tielet wahda. Kull gravam jista' jitqies bhala apprezzament zbaljat tal-provi li jinkorpora interpretazzjoni zbaljata tal-ligi ghall-fatti lilu addebitati. Jokkorri ghalhekk ezami

approfondit tal-provi minn din il-Qorti sabiex ikun mistharreg jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

2. Tajjeb li qabel xejn jkunu sintetizzati l-fatti ta' dan il-kaz li sehh fl-edificju tas-socjeta' ARMS Ltd. L-imputat huwa impjegat ta' din is-socjeta'. Parti mix-xoghol tieghu hu li jistharreg pagamenti tal-kontijiet ta' dawl u ilma li jsiru *online* jew tramite ferghat tal-posta jew banek. Jirrizulta illi l-ARMS gieli tirceivi hlasijiet ta' kontijiet b'dettalji zbaljati jew nieqsa bhal per ezempju numru zbaljat tal-kont kollu kemm hu fejn il-konsumatur jiccita in-numru tal-fattura jew zbaljat f'numru wiehed u b'hekk dak il-hlas ma jkunx jista' jkun ikkreditat. Dak il-hlas jitqieghed fi *Clarification Account* sabiex ikun mistharreg. Parti mix-xoghol tal-imputat kien li jistharreg dawn it-tip ta' hlasijiet erronji u jipprova jintracca l-izball u l-kont relevanti bil-ghan li jkun korrettament kredidat il-kont tal-konsumatur;

3. Jidher illi wiehed mill-izbalji komuni jirrigwarda l-ewwel numru tal-kont fejn l-kontijiet tal-ARMS jibdew bin numru '1' u bi zball il-konsumatur jindika numru iehor. Meta l-amministratur tas-sistema jissostitwixxi l-ewwel numru zbaljat b'dak korrett, ad ezempju, l-kont jista' jkun traccabbli u jsir il-*posting* korrett ta' dak il-hlas la darba l-amministratur jkun cert li dak il-hlas ikun jikkorrispondi ghal dak il-kont. Adetti ohra tal-ARMS kienu skoprew illi f'zewg okkazzjonijiet, zewg hlasijiet li tqieghdu fil-*Clarification Account* kienu sussegwentement tqieghdu fil-kont tad-dawl u ilma tal-imputat. L-allegazzjoni dwar wiehed minn dawn il-postings hu li l-imputat kien qabad wiehed minn dawn il-hlasijiet zbaljati li kien fil-*Clarification Account* u biddel in-numru tal-kont zbaljat bin-numru tal-kont tieghu b'dan izda illi xorta wahda indika

l-ewwel numru hazin ghaliex kien jaf li b'hekk dan ser jerga' jirritorna fil-*Clarification Account* u min ser jittanta isolvi il-problema ser l-ewwel jipprova jissostitwixxi l-ewwel numru tant li hekk sar, bil-konsegwenza li adett iehor tal-ARMS dahal fit-trappola inkonsapevolment u kkredita l-kont tal-imputat biex b'hekk gie fid-deher li ma kienx l-imputat li ghamel il-*posting*;

4. Illi l-allegata azzjoni tat lok ghall-proceduri odjerni ghall-ksur tal-artikoli dwar l-uzu hazin tal-*computer* u ghal dak tal-appropriazzjoni indebita taht il-Kodici Kriminali;

5. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant iressaq l-argument illi l-ewwel Qorti qatt ma setgħet issib ħtija taħt l-ewwel imputazzjoni u dana għaliex l-appellant qatt ma '*tellef, għarraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-għoti ta' servizz jew utilita' pubblika, kif ukoll meta tali reat sar f'post minn impjegati bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu.*' Jissokta l-argument tal-appellant billi jghid li ż-żewġ trasferimenti li għamel fuq il-kont tiegħu kienu pagamenti li għamlu terzi lill-prinċipal tieghu. Jekk xi hadd sofra xi haga kien il-klijent tal-ARMS Ltd u mhux l-istess socjeta' kif titlob l-imputazzjoni, pero' xorta wahda il-klijent ma sofra xejn ghaliex l-imputat kien regga' kollox lura minn jeddu.

6. It-tieni gravam jitratta dwar it-tielet imputazzjoni u hawnhekk l-imputat iressaq l-argument illi kien impossibbli li jinsab ħati għaliex l-ARMS Ltd ma ħallietlu ebda somma ta' flus f'idejh biex wara jroddha lura. Il-klijenti għamlu sempliċiment pagament lill-ARMS Ltd u ma kienx hemm l-obbligu li trodd lura. Huwa wkoll nieqes l-element ta' profitt għalih innifsu jew għal persuni oħra ghaliex hu qatt ma ħa xejn għalih u qabel kellmuh il-Pulizija kien gia regga' kollox lura f'postu;

7. Issegwi issa sintesi tad-deposizzjoni tax-xhieda l-aktar rilevanti. Mark Lupi mill-ARMS, kkonferma li l-appellant kien il-Head of Cash. Huwa qal li l-ammont ta' 400 Euros ma kienx daħal fil-kont tal-appellant;

8. Bernice Avalone Balzan, accountant mal-ARMS LTD, ikkonfermat li l-appellant kien il-Head tal-Cash and Reconciliation Section. Kien hemm pagament li daħal fuq l-account ta' Emmanuel Balzan pero' dan kien mregga' lura. Imbagħad dan il-pagament reġa' ddaħħal minn persuna differenti imbagħad kien trasferit fuq account ta' persuna oħra. Kien daħħlu l-appellant fis-26 t'April 2012 imbagħad reggghu lura bl-istess username. Imbagħad reġa' ddahħal il-pagament minn Loran Caruana (fol 88, 89). Kwantu t-transazzjoni ta' 400 Euro, din ma daħlitx fl-account tal-appellant. (fol.89).

9. Sylvana Zammit kienet rat kont jibda 201 meta n-numri tal-kontijiet generalment jibdew bin-numri 101 jew 411. Meta ssostitwiet in-numru 2 bin-numru 1, tela' l-kont ta' Emmanuel Balzan. Hija fittxet il-pagament u dan ma kienx jaqbel mal-contract number u sabet tibdil li kien sar mill-appellant (fol 93). '*L-istess pagament ddaħħal minn Loran Caruana fl-account ta' Emmanuel, ġie reversjat minn Emmanuel stess u reġa' ddaħħal fl-istess ġurnata minn Loran Caurana.'* (fol 94). Kienet kellmet lil Emmanuel Balzan dwar dak li kienet sabet fuq il-laptop tiegħu u deher sorpriż. Wiehed mill-pagamenti origina minn bank filwaqt li iehor origina minn fergha tal-post u dak il-ħin kienu rranġati ż-żewġ pagamenti li kienu intizi li jkunu kreditati f'kont ta' zewg konsumaturi differenti

10. Alfred Zarb, li fiż-żmien kien administrator fir-Reconciliation, xehed illi Sylvanne Zammit kienet kellmitu u qaltlu li hi u tagħmel clarification 'kien hemm xi account li ma daħalx tajjeb, li mhux suppost jidħol f'dak l-account.' Hi kienet kellmitu darba biss u ma eskludiex li seta' kien żball;

11. L-appellant ghazel illi jixhed u attakka l-istqarrija tieghu maghmula lill-Pulizija tant li kien talab diversi drabi biex jerga' jitkellem mal-Ispettur Ian Abdilla ghaliex hu kien ħass li kien taħt pressjoni waqt li dam arrestat ghal kważi tmienja u erbgħin siegħa, ibghati mill-eghluq u ried jara x'jaghmel biex johrog minn hemm. (fol 119). L-Ispettur kien tah appuntament imma l-Ispettur dak in-nhar kien imħabbat bix-xogħol. Kien hejja xi punti dwar fejn ma jaqbilx mal-istqarrija u dawn kienu esibiti. (Ara fol 129 – 132 li fihom ħafna dettalji kif isir ix-xogħol ). Dwar il-kont ta' Euro 92 qal li l-kont personali tieghu li ghandu fuq fond f'Marsaskala jitħallas bl-internet banking izda b'xi mod sab dan l-ammont ikkreditat fil-kont tiegħu. L-imputat xehed illi ma kienx miss dawn il-flus. Kien rrovexxa l-ammont fil-clarifications u b'xi mod wieħed mill-ħaddiema kien tefagħhom fil-kont tiegħu. Dwar l-Euro 400 ma kienx jaf ta' min huma u każi bħal dawn kien ikun hemm mal-250 kull jum. Huwa kien irraporta lil Silvanne Zammit dwar kwistjonijiet ta' xoghol. Dwar l-400 Euro huwa kien taha l-go ahead biex tkun tista' tirranġah. Il-kwistjoni kollha kienet qamet fuq in-92 Euros;

12. L-ewwel Qorti ma emmnitx lill-imputat dwar il-kwistjoni tal-istqarrija tieghu. Din il-Qorti hi tal-fehma li din il-konkluzzjoni mhix wahda rragjonevoli. Din ma kienitx l-ewwel darba li l-imputat kien arrestat ghaliex skond hu kellu kaz iehor relatat mal-kacca. Huwa kkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu qabel ma

rrilaxja din l-istqarrija li fiha l-imputat jaghti d-dettalji kollha, pass pass, ta kif aggira dawn iz-zewg transazzjonijiet ghal fuq il-kont tieghu, fejn spjega ukoll li f'dak iz-zmien kien f'qaghda finanzjarja hazina u kkonferma li l-azzjoni tieghu kienet limitata ghal dawn iz-zewg transazzjonijiet biss. Huwa sahansitra jispjega kif dwar it-transazzjoni tad-€92.00 regga' kollox lura gurnata qabel ma jkun dovut il-hlas tal-kont tieghu mal-ARMS li jithallas bid-*direct debit* u dan ghaliex beza' peress illi kien jaf li l-flus ma kienux tieghu.;

13. Fin-notamenti li hejja l-imputat dwar kull fejn ma jaqbilx mal-istqarrija tieghu u li kien fi hsiebu jghid bihom lill-ispettur hemm diversi aspetti li bihom jitfa' dell fuq ix-xhud Sylvana Zammit meta jghid bhala superjur taghha kellu ghaliex jirraportaha ta' l-anqas tlett darbiet fuq kwistjonijiet ta' xoghol kif ukoll lill-partner taghha u li kienet ilha tghid illi riedet kontroll tas-sistema tal-*clarifications* u li b'hekk riedet tpattilu ta' dan kollu. Jghid ukoll illi ma kienx qed jaqbel mal-istqarrija tieghu fejn tghid li kellu problemi finanzjarji u li kien jaghti l-*user name* u l-*password* tieghu lill-kollegi u li gieli uza n-numru tal-kont tieghu bhala *sample*. Ezaminata d-deposizzjoni ta' Sylvana Zammit, ma saret ebda domanda lilha li b'xi mod tista' tiskreditaha in rigward ta' dak li jallega l-imputat. Sitwazzjoni bhal din hija wahda serja hafna u l-kontro-ezami ta' Zammit certament kienet okkazzjoni providenzjali sabiex tohrog il-verita'. Din il-Qorti ghalhekk hija moralment konvinta li ma hemm ebda raguni, anke fil-grad tal-probabbli, li aktarx iva milli le, l-fatti sehhew kif rakkontati mill-imputat fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti;

14. Issa, kwantu l-ewwel imputazzjoni, din tirraviza, r-reati ipotizzati fl-artikolu 337C (1)(a), (e) u (g) tal-Kodici Kriminali u hija maqsuma fi tlett partijiet. L-ewwel Qorti kkonkludiet illi "*mill-atti processwali tirrizulta wkoll l-ewwel imputazzjoni, limitatament*

*ghall-akkuzi [recte: imputazzjonijiet] previsti fl-artikolu 337C(1)(a) u (g) fid-disposizzjoni tal-artikolu 337F(3) tal-istess Kodici, ...*" L-ewwel Qorti ma spjegatx kif kienet waslet ghal din il-konkluzzjoni. qalet biss illi ma sabitx htija fit-tieni parti taghha, igifieri f'dik li tallega "*gharraqt it-thaddim ta' xi sistema, software jew integrita' jew affidabilita' ta' xi data*" li allura hi dik ipotizzata fl-artikolu 337C(1)(e) u hemm certament li kienet korretta ghaliex dik l-imputazzjoni ma tirrizultax;

15. L-ilment tal-imputat ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni hu li qatt ma setghet tinsab htija fih ghaliex "b'dak li ghamel qatt ma *'tellef, gharraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizz jew utilita' pubblika, kif ukoll meta tali reat sar f'post minn impjegati bi pregudizzju tal-principal tieghu'* ". Din il-Qorti frankament ma tistax tifhem dan l-aggravju. Il-kliem appena citat hu dak ipotizzat fis-subartikolu 337F(2)(a) li ghandu mix-xejra ta' aggravanti fis-sens illi jekk ir-reat jikkostitwixxi dak appena citat, allura l-piena ghandha tizdied kif hemm provdut. Issa, fl-ewwel lok, l-imputat qatt ma kien addebitat b'dan il-fatt, qatt ma kien indikat mill-Avukat Generali u qatt ma instab hati ta' hekk. Lanqas ma jifforma wiehed mill-elementi jew kondizzjonijiet ghall-kommissjoni ta' wiehed mir-reati ipotizzati fl-artikolu 337C u ghalhekk hi preokuppata din il-Qorti bil-mod kif inhu postulat dan l-aggravju;

16. Issa jekk l-appellant qed jirreferi ghall-artikolu 337F(3)(a), allura ugwalment japplika dak appena konsiderat ghaliex anke hawn si tratta ta' subartikolu li jikkalibra l-piena fis-sens ta' aggravanti u mhux wiehed li johloq xi element *sine qua non* ghar-reat ravvizat fl-artikolu 337C;

17. Ir-reati ipottizzati fl-artikolu 337C(1)(a) u (g), bhalma huma del resto r-reati l-ohra f'dan l-artikolu huma kollha dipendenti fuq element krucjali, l-awtorizzazzjoni jew in-nuqqas taghha. Fit-termini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 337C, "persuna titqies li tagixxi minghajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata; u persuna titqies bhala persuna intitolata jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikkontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(a) sa (j) jew fl-artikolu 4(a) u (b) tal-artikolu 337C. L-element ta' nuqqas ta' awtorizazzjoni kien mfisser b'mod car fis-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Imhallef Edwina Grima fl-ismijiet Il-Pulizija vs Shirley Sawyer u Charmaine Grech App 376/13 tas-27 ta' Frar, 2019 u Il-Pulizija vs Jeanelle Grima App 403/16 tas-26 ta' Gunju 2019 li ghalihom qed issir pjena referenza. Issa, ma hemmx dubju li fil-vesti tieghu ta' impjegat mal-ARMS Ltd, l-appellant kien persuna "awtorizzata" ghall-access tal-computer, software u entraturi u tibdil tad-data ghaliex dak kien xogholu. Appena l-uzu tal-computer u l-access ghad-data jiddipartixxi mit-termini tal-imjieg tieghu, jitqies ipso facto bhala persuna mhux awtorizzata. Fi kliem iehor ma kellu ebda awtorizzazzjoni sabiex jaccedi ghal dik id-data ghal-skopijiet 'l hinn mill-impjieg tieghu;

18. Certament illi fondi ta' konsumatur mghoddija lill-ARMS bil-ghan li jithallas kont tad-dawl u ilma trasferiti mill-imputat ghal fuq il-kont tieghu ma huwiex wiehed awtorizzat. Dan it-trasferiment sar b'kumbinazzjoni fuq il-kont tal-istess imputat mill-kontijiet kollha tal-konsumaturi fil-pajjiz? Certament li le u r-raguni moghtija mill-istess imputat ma ghandhiex la mis-sewwa u wisq anqas mill-probabbli. Ghalhekk jekk il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti kienet radikata minn dan ir-ragunament, allura kienet wahda legalment korretta;

19. L-ewwel parti tal-ewwel imputazzjoni hi dik ravvizata fl-artikolu 337Ċ(1)(a) :

*'tuża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software, jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk.'.* Ix-xhieda u d-dokumenti esebiti li jintraccaw it-tibdil ta' data huwa prova cara ta' dan l-uzu mhux awtorizzat mill-imputat, kwantu jolqot it-transazzjoni tat-92 Euro u 30 ċenteżmu. Kwantu l-ammont ta' €400 l-Ewwel Qorti kkonkludiet li si tratta ta' tentattiv u l-Avukat Generali ma interpona ebda appell in rigward;

20. It-tielet parti tal-ewwel imputazzjoni imbaghad hi dik ipotizzata fl-artikolu 337(1)(g) :

*'tinstalla, tneħħi, tbiddel, tagħmel ħsara, tħassar, tiddeterjora, trażżan, teqred, tvarja jew iżżid ma' xi data, software, jew dokumentazzjoni ta' appoġġ.'* Minn dawn l-alternattivi kollha f'dan il-kuntest tapplika l-kelma 'tvarja' għaliex il-flus ammontanti għal 92.30 Euros marru fil-kont tal-appellant flok fil-kont fejn suppost marru proprju minhabba tibdil fid-data Għar-rigward tal-ammont ta' €400 tgħodd id-deċiżjoni maghmula fil-paragrafu ta' qabel dan;

21. Għal dawn ir-ragunijiet l-ewwel aggravju qed ikun michud.

22. Kwantu it-tieni aggravju, l-appellant jillanja s-sejbien ta' htija fit-tielet imputazzjoni li tipotizza r-reat ravvizat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 ossia l-appropriazzjoni indebita u jikkontendi illi ma kellu xejn fdat f'idejh li kien dovut irodd lura u ma ghamel ebda profitt kif jitlob dan l-artikolu. Jargumenta, inoltre, illi kien irranġa kollox qabel bagħtu għalih il-Pulizija;

23. L-ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni korretta tal-elementi ta' dan ir-reat b'referenza tajba ghal-sentenzi tal-qrati taghna ghar-rigward tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.. B'zieda ma' dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Novembru, 2000 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Olivia – App Krim 288/99, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali elenkat l-elementi tar-reat bil-mod segwenti. Ir-reat, huwa wiehed kontra l-proprjeta', u "il-hsara fil-proprjeta' tavvera ruhha appena l-agent, b'abbuz ta' fiducja, jikkonverti (ossia jaghmel uzu daqs li kieku kienu tieghu, bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, xi haga li tkun inghatat lilu u li tkun destinata jew li tintradd lura lis-sid jew li jsir uzu minnha specifikat. Fi kliem Maino: "*Vera restituzione e uzo determinato implicano necessariamente la non assoluta disponibilita' per parte del consegnatario ...La formola: convertendo in profitto di se' o di un terzo dimostra, come gia dicemma, che la legge intende la appropriazione nel senso il piu' lato, e quindi anche in quello dell'esercizio di un solo dei diritti inerenti al dominio, non in quello rigoroso e ristretto di alienazione"* (**Commento al Codice Penale Italiano,** UTET (Torino), 1924, Vol. IV. P. 102, para. 1949 u p.105, para. 1951).

24. Tispjega inoltre l-istess Qorti, illi l-elementi tar-reat in dizamina jinsabu, oltre l-element ta' profitt: fil-konsenja partikolari ta' oggett lill-appellant; maghmula bil-volonta' tas-sid u b'fiducja; bil-hsieb li jaghmel minnhom uzu specifikat. Il-kwistjoni devoluta quddiem il-Qorti kienet dwar jekk il-fatti ghandhomx mir-reat ta' serq jew tal-appropriazzjoni indebita u ghalhekk tenniet illi " Fi kliem il-gurista Francseco Antolisei: *La figura giuridica dell-appropriazione indebita presenta una notevole affinita' con quella del furto: le due fattispecie sono contigue e si completano a vicenta ... mentra il-furto, come se e' vista, implicat nell'autore la mancanza dell'possesso, consistendo nel fatti di procurarsel*

*(impossessamento), l-appropriazjoni indebita presume che l-agente gia; possieda le cose mediesima. Quando il reo non ha il possesso, egli non puo' commettere appropriazjoni indebita; quando possiede la cosa, non puo' rendersi responsabile di furto* (Antolisei F., **Manuael di Diritto Penali – Parte Speciale I**, Giuffre (MilanoP, 196, p. 274 – 275);

25. Applikat dan l-insenjament fil-kaz odjern, temergi l-konsenja volontarja u bil-fiducja tas-sid, tal-flus lill-agent li huwa r-rapprezentat ghall-kull intendiment tal-ARMS Ltd fil-vesti tieghu ta' mpjegat, sabiex jikkredita dawn il-flus fil-kont tas-sid, il-konsumatur. Dak li hu kontestat mill-appellant hu li l-element li l-agent ikun dawwar bi profitt ghalih jew ghall-haddiehor l-oggett lilu konsenjat. F'dan il-kaz, l-ammont ta' €92.30 kien spustat mill-kont mhux mgharuf ghall-kont tal-imputat minnu stess bil-ghan li dan ma jkunx traccat u konsegwentement jispicca tieghu. Dak il-gwadann jirrientra fil-profitt li trid il-ligi sabiex tirrizulta r-reita'. Ir-rovexx tat-transazzjoni mill-imputat qabel ma kien mitkellem mill-Pulizija ma hi ta' ebda soljev ghalih hlief ghal fini ta' piena;

26. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed ikun michud u konsegwentement l-appell qed ikun michud fl-intier tieghu.

Il-Qorti ghaddiet biex tfiehem mill-gdid lill-appellant l-obbigi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;